QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU LAW)
MAGISTRAT

Illum 5 ta’ Novembru, 2001.

Il-pulizija
(Spettur Martin Sammut)
vs
Raymond Brincat u
Oliver Brownrigg.

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi kontra:

Raymond Brincat ta’ 29 sena, bin Paul u Josephine née Hayman, imwieled tal-Pieta fil-25 ta’ Lu1ju 1969, u residenti 3, Triq il-Gawwi, B’Bugia, detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 345369(M), u,

Oliver Brownrigg ta’ 29 sena, bin George u Giovanna nee Farrugia, imwieled tal-Pieta’ u residenti 48, Simons Street, Tarxien, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 230769(M);

Akkuzati talli:

Nhar id-29 ta’ Jannar 1999 u diversi xhur qabel, f’dawn il-gzejjer, gewwa Marsaxlokk u bnadi ohra;

1) xjentement qieghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghall-bejgh, jew importaw ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema mxebhin b’qerq u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298(1)(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2) bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw, jew b'mod iehor ipproducew jew ikkopjaw jew bieghu, qassmu jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex qassmu xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe` 'Caterpillar Inc.' li taghhom Dr Austin Sammut u Dr Joseph Chetcuti huma rapprezentanti, protetti bil jew taht il-Ligi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298(B)(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. kontra Raymond Brincat wahdu, talli huwa recediv b'sentenzi tal-Qorti datati 10 ta' Marzu 1997 u 12 ta' Jannar 1998, liema sentenzi huma definittivi.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta;

Semghet il-provi kompriz l-imputati minn jeddhom u bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-imputati huma akkuzati b'qerq fil-kummerc u fl-industrji ai termini ta' l-Artikolu 298(1)(f) tal-Kap 9, u bi ksur tad-drittijiet ta' l-awtur a bazi ta' l-Artikolu 298(B) ta' l-imsemmi Kap 9. Mill-atti jirrizulta li d-drittijiet tal-awtur gew lesi a tenur ta' l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur promulgat fis-sena 1970. Dan il-fatt jirrizulta mill-kwerela relattiva folio 28.

L-oggett tal-kawza huwa partita ta' zraben li gew elevati minn fuq posta fis-suq ta' Marsaxlokk fid-29 ta' Jannar 1999. B'kollox kienu gew sekwestrati 42 par zarbun. Fi kliem l-Ispettur (xhieda tieghu folio 14) l-elevazzjoni ta' dawn il-kaxxex saret stante li l-kaxxa taghhom kienet tixbah lill-kaxxa taz-zraben tal-'Caterpillar'. Stqarr li l-'logo' fuq il-kaxxa taz-zraben elevati kienet maghmula bl-ittri 'GAM' waqt li fuq dik taz-zraben 'Caterpillar' l-ittri kienu 'CAT'. Apparti din il-varjazzjoni hu zied jistqarr li l-kaxxa rispettiva kienet identika. Zied wkoll jghid li fuq t-tikketta imwahhla fuq gewwa kien hemm l-kliem 'Caterpillar Inc.' izda din ma kienitx tirrizulta fuq kull tikketta taz-zraben li kienu elevati. Waqt li xehed Carmel Borg l-agent esklussiv u d-distributtur taz-zarbun 'Caterpillar' (folio 33 et seq), huwa spjega li l-marka distintiva taz-zarbun [Caterpillar] hija l-ittri 'CAT'. Spjega li dawn l-ittri, li jikkomponu l-marka registrata, huma riprodotti kemm fuq iz-zarbun u kemm fuq il-kaxxa u li fuq it-tikketta hemm indikat li z-zarbun gie manufatturat 'under licence' mid-ditta proprjetarja tal-marka. F'dan il-kuntest spjega li din hi proprjeta` tad-ditta bl-isem 'Wolverine' li hi l-proprjetarja tal-'Caterpillar Inc.' kumpanija sussidjara taghha.

Fuq l-iskorta tax-xhieda ta' dan l-ahhar xhud id-difiza argumentat 'inter alia' li l-akkuza in kwantu hi mehtiega l-kwerela ma tistax treggi stante li hija d-ditta proprjetarja tal-marka li tista' taghti l-kunsens ghall-proceduri. Ma' din is-sottomissjoni din il-Qorti ma taqbilx. Ma tifihmx ghaliex fuq l-iskorta ta' l-Artikolu 542 tal-Kap 9 sussidjara ta' socjeta` ohra ma tistax tikkwerela f'isimha sabiex tipprotegi dak li bazikament tipproduci hi anki jekk l-marka ma tappartenix lilha izda lis-socjeta` li tikkontrollha. Il-Qorti ma taqbilx ukoll mas-sottomissjoni l-ohra tad-difiza li l-awtorita` sabiex ittiehdu dawn l-proceduri ma setghetx tirreferi ghall-partita in meritu.

Dwar dan din il-Qorti kull m'hi ser tghid hu li l-awtorizazzjoni hija wahda generali u maghmula antecedentement il-kaz in meritu; kwindi, fil-fehma taghha hi valida u vinkolanti.

Pjutost u b'referenza ghall-akkuzi kif dedotti kontra l-imputati l-Qorti ghandha s-segwenti x'tosserva. Li jirrizulta fic-car li l-imputat Brownrigg gie mixli 'qua' l-importatur taz-zraben, waqt li l-imputat Brincat hu s-sid tal-posta fis-suq ta' Marsaxlokk minn fejn kienu qed jinbieghu z-zraben in meritu. L-Artikolu 298(1)(f) fuq liema hi impernjata l-ewwel akkuza jipprovdi ghal kull min '<u>xjentement</u> iqieghed fic-cirkolazzjoni, ibiegh jew izomm ghandu ghall-bejgh jew jimporta ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema <u>imxebbhin b'qerq'</u> (sottolinjar tal-Qorti).

Fir-rigward l-imputat Brincat dan ma jirrizultax. Fil-konfront tieghu huwa nieqes mhux biss l-element tax-xjenza billi mhux pruvat li huwa kien jaf jew b'diligenza seta' kien jaf dwar ix-xebh taz-zraben ma' dawk tal-kwerelant izda hu wkoll eskluz xi forma ta' qerq.  L-istess japplika ghall-importatur, l-imputat Brownrigg. Din il-Qorti assolutament ma tistax tifhem kif jista ghad jinghad, 'in kriminalibus', li hemm spacc meta l-oggett qieghed jinbiegh taht marka li tinkorpora ittri totalment differenti ghall-prodott li jinghad qieghed jigi spaccat.  Anki l-prezz f'dan il-kuntest jassumi mportanza sinifikattiva.

Ghal dak li hi t-tieni akkuza bazata fuq l-Artikolu 298 (B) (1) tal-Kap. 9 huwa misteru kif qatt jistghu l-imputati jigu misjuba hatja ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur meta l-Att tal-1970 jipprotegi klassi ta' oggetti li m'humiex u m'ghandhom lanqas remotament x'jaqsmu maz-zraben.

Tiddeciedi ghalhekk li ssib l-imputati mhux hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom u kwindi tilliberhom minn kull htija u piena.

A. M. Trigona,
MAGISTRAT.

Niddikjara li ttraskrivejt bis-sewwa u fedelment, u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-'tape'.

Albert P. Calleja,
Dep. Registratur.